TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 376/11/GZ

**Philip Buhagiar**

**vs**

**Noel Gauci – Gava Interiors**

Illum 7 ta' Marzu 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-1 ta' Settembru, 2011, fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' disgha mija disgha u disghin Ewro (€999.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal solar water heater, liema solar water heater ghadu ma giex installat, pero' li r-rikorrent irid rifuzjoni tieghu stante li solar water heater iehor li kien xtara fil-passat minghand l-istess socjeta' ntimata kien gralu l-hsara.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent ssottometta bil-miktub illi:-**

Huwa xtara solar water heater minghand is-socjeta' ntimata fid-29 ta' Mejju 2008, u dana bhala rigal ghat-tifel tieghu, ghal liema l-partijiet kienu ftehemu illi ma jigix nstallat sakemm it-tifel jidhol fil-post. Dan is-solar water heater ghadu ma giex installat u r-rikorrent qed jitlob il-flus lura tieghu minhabba li huwa ghandu wiehed bhala u gralu l-hsara wara sena u s-socjeta' ntimata ma rieditx tirrangah jekk ir-

rikorrenti ma jhallasx il-flus. Ir-rikorrent ihoss li l-garanzija hija falza minhabba li minn fejn jghaddi l-ilma m'huwiex kopert.

Ir-rikorrent hass ruhu aggravat bil-fatt li huwa xtara solar water heater fil-passat, liema solar water heater gralu l-hsara wara sena, u ghalhekk issa la xtara solar water heater iehor ghat-tifel tieghu minghand l-istess socjeta' ntimata, huwa qed jitlob rifuzjoni fuq it-tieni solar water heater li xtara a bazi tal-hsara li kien hemm fl-ewwel solar water heater li xtara.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

F'Mejju 2008 ir-rikorrent kien xtara solar water heater u tliet snin u nofs wara huwa qieghed jitlob rifuzjoni tal-flus minghajr ma ghadu biss installa s-sistema, u dana a bazi ta' l-allegazzjoni illi din is-sistema tista' tkun difettuza. Is-socjeta' ntimata ma tqisx ir-ragunament tar-rikorrent bhala wiehed accettabbli u ghaldaqstant ma hijiex qieghda taccetta t-talba tieghu.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn stqarr illi huwa kien xtara solar water heater minghand is-socjeta' ntimata fl-2006 u dan kien gralu l-hsara. Is-socjeta' ntimata rieditu jhallas ghall-hsara meta kien ghadu bil-garanzija pero' huwa ma accettax. Kompla jistqarr illi huwa rega' xtara solar water heater iehor minghand is-socjeta' ntimata fl-2008 u li ghadu ma twahhalx. Minhabba li kien gralu l-hsara fl-ewwel wiehed u s-socjeta' ntimata rieditu jhallas tal-hsara, huwa jixtieq l-flus lura tat-tieni wiehed, peress illi m'huwiex jafda s-socjeta' ntimata, ghax minn fejn jghaddi l-ilma m'huwiex kopert bil-garanzija.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' l-invoice ffirmat u ddatat 29 ta' Mejju 2008, fejn l-ammont indikat huwa ta' disgha mija disgha u disghin Ewro (€999.00), flimkien ma' kopji ta' l-ircevuti tal-VAT u kopja tal-garanzija, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok.PB1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt li t-talba tar-rikorrent hija wahda intempestiva stante li s-solar water heater in kwistjoni ghadu lanqas biss gie nstallat, wisq inqas ma gralu ebda tip ta' hsara, qed isib it-talba tar-

rikorrent manifestament frivola u ghalhekk qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**